# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 8 ta' Marzu 2002**

**Numru**

**Citaz. numru 624/94 DS**

Benedict Pulis
vs
Anthony Fenech bhala direttur tas-socjeta` Francesco Fenech Ltd. u ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess socjeta`

Illum, 8 ta' Marzu 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-2 ta' Mejju 1994 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi l-attur huwa kreditur tal-konvenut nomine fis-somma ta' elf hames mija tnejn u sebghin lira Maltin (Lm1572) rappresentanti bilanc fuq somma akbar prezz ta' appalti ta' tqeghid ta' irham u ceramika ezegwit mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut nomine;

Illi dan il-kreditu tal-attur huwa cert, likwidu u dovut;

Illi l-konvenut nomine ghalkemm interpellat ihallas dan il-kreditu, baqa' inadempjenti;

talab lil din il-Qorti:

1. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf hames mija tnejn u sebghin lira Maltin (Lm1572) dovuti kif spjegat;

2. tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tat-trattazzjoni a termini tal-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u dan in vista tad-dikajarazzjoni guramentata tal-attur (Dok A).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 17 ta' Marzu 1994 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju tal-20 ta' April 1994 u bl-imghax kummercjali mid-data tal-ittra ufficjali fuq imsemmija sad-data tal-pagament effettiv.

Il-konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn qal:

Illi l-azzjoni attrici hija intempestiva peress li x-xoghol li kellu jsir mill-attur ma giex kompletat.

Illi inoltre minghajr pregudizzju tal-ewwel eccezzjoni hafna mix-xoghol esegwit tant kien hazin u mhux skond is-sengha u l-arti illi l-propjetarju tal-fond fejn gie esegwit ix-xoghol qieghed jirrifjuta li jhallas il-bilanc tal-prezz dovut fl-ammont ta' Lm6611.05.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-8 ta' Gunju 1994 li permezz tieghu gie nominat l-A.I.C. Joseph Jaccarini bhala perit tekniku biex ifittex jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fis-6 ta' Gunju 2001;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Jirrizulta mill-provi li xoghol l-attur huwa t-tqeghid ta' madum, irham u ceramika. Din il-kawza tirrigwarda bilanc li qieghed jirreklama fuq xoghol ta' tqeghid ta' irham go *farmhouse* il-Gudja u xoghol ta' tqeghid ta' ceramika fl-Isptar Mentali, Ghawdex.

Dwar ix-xoghol f'Ghawdex, l-ammont totali pretiz mill-attur kien ta' Lm9745 li minnu huwa thallas Lm8450. Ghalhekk il-bilanc minnu pretiz, u li jifforma parti mill-mertu ta' din il-kawza, huwa ta' Lm1295. Mill-komputazzjoni maghmula mill-perit tekniku tirrizulta diskrepanza zghira fit-total fis-sens li l-ammont totali skond il-kont ta' l-attur ghandu jkun ta' Lm9736.10. Issa skond il-komputazzjoni tas-socjeta` konvenuta, il-valur komplessiv tax-xoghol huwa ta' Lm9303. Fis-seduta peritali tas-26 ta' Mejju 2000, intlahaq ftehim bejn il-partijiet fis-sens li "sabiex jigi evitat li l-perit tekniku joqghod ikejjel ix-xoghol ta' Ghawdex u bla pregudizzju ghall-pretenzjonijiet taghhom fil-kawza, **l-ammont tad-differenza bejn iz-zewg kontijiet ghandha tinqasam bin-nofs bejn il-partijiet**". Ghalhekk l-ammont accettat bhala dovut lill-attur ghax-xoghol fl-Isptar ta' Ghawdex huwa ta' **Lm1069.55** (ara rendikont f'pagna 19 tar-relazzjoni peritali).

Nigu issa ghal dak li l-attur qed jippretendi bhala bilanc dovut ghax-xoghol fil-Gudja, cioe` s-somma ta' Lm277 (is-somma ndikata fic-citazzjoni mnaqqas il-bilanc fuq ix-xoghol ta' Ghawdex, ossia Lm1572 – Lm1295). Fir-relazzjoni tieghu l-perit tekniku stqarr li ma jirrizultalux li l-attur naqas mid-doveri mposti mis-sengha tieghu u ghalhekk ghadda biex jaghmel il-komputazzjoni mehtiega tax-xoghol li wettaq l-attur fl-imsemmija proprjeta`. Huwa qal:

"Ghandu jigi rilevat li waqt li l-attur issottometta ghall-ezami tal-Qorti l-komputazzjoni ta' l-ammonti tat-tqeghid li esegwa fil-Gudja u ghal dan ta' dettalji bhal ma jidhru fid-Dok PB4 li minnhom johrog l-ammont pretiz minnu, is-socjeta' konvenuta ppresentat prospett komparattiv u wriet ammonti ta' kejl superficjali li maghhom applikat rati li deherilha li kienu applikabbli, u f'kaz minnhom, dak ta' tqeghid ta' l-irham "kannizzata" uzat ir-rata ta' Lm2.00 il-metru kwadru, waqt li skond l-attur din ir-rata kienet ta' Lm2.50 ghall-kull metru kwadru mqieghed, rata li ghalieh kienet tant attarajenti li mmotivatu biex jaccetta l-offerta, minkejja li kien mghobbi bix-xoghol, li kienet ghamlitlu d-ditta konvenuta biex imur jahdem fil-*farmhouse* tas-Sur Zammit Tabona, u dan kif xehed l-istess attur meta ghamel id-deposizzjoni tieghu guramentata quddiem l-esponenti.

Din ir-rata giet kwotata mid-ditta fil-prospett li ppresentat bhala Lm2.00 il-metru kwadru, diskrepanza ta' Lm0.50 il-metru kwadru. Fid-dettalji li ppresenta l-attur ghamel indikazzjoni bejn ir-rati differenti li kellu ghat-tqeghid ta' l-irham fil-propjeta' tas-Sur Zammit Tabona u cioe' – kellu rata ta' Lm1.50 ghall-irham li tqieghed fl-ammont ta' 225.2817 metri kwadri li bir-rata msemmija jammontaw ghall-lm337.92 waqt li t-tqeghid bir-rata ta' Lm2.50 ghall-ammont ta' 107.2917 metri kwadri ammontanti ghas-somma taq' Lm268.23; u fl-ahhar kellu r-rata ta' Lm3.00 il-metru kwadru ghall-ammont li tqieghed ta' 155.3457 metri kwadri ammontanti ghas-somma ta' Lm466.04, b'total ta' Lm1072.19 li minnhom thallsu s-somma ta' Lm800.00 u ghalhekk jibqa' bilanc li ghad irid jithallas ta' Lm272.19.

Fil-mankanza li d-ditta konvenuta naqset li tipprovdi provi dettaljati ta' qisien li fuqhom hadmet il-prospett esebit minnha kif ukoll raguni ghaliex ir-rata ghat-tqeghid tal-irham fis-sitting room giet indikata b'Lm2.00 il-metru kwadru, Lm0.50 inqas minn dik li semma l-attur, l-esponenti ma kellux triq ohra hlief li jaccetta l-kuntegg li ghamel l-attur, u dan wara li l-istess kuntegg gie wkoll ikkomparat mal-kalkoli li ghamel l-esponenti minn fuq il-pjanti li gew esebiti mis-Sur Zammit Tabona. Kuntrarju ghalhekk ghall-ammonti ppresentati mill-attur u l-ammont pretiz minnu, u d-dettalji ta' tali kontegg, is-socjeta' konvenuta indikat biss l-ammonti ta' metri kwadri mqeghda mill-attur u f'kaz minnhom applikat rata inqas minn dik imsemmija mill-attur u f'kaz iehor indikat ammont imqieghed inqas minn dak li indika l-attur. Jekk wiehed jaddopera r-rata ta' Lm2.50 il-metru kwadru mal-kejl superficjali ndikat minnha ghal dan ix-xoghol, l-ammont dovut ghax-xoghol li ghamel l-attur fil-Gudja, kellu jigi ndikat bis-somma ta' Lm951.50, li meta tigi komparata ma' dak l-ammont pretiz mill-attur, juri differenza ta' Lm125.50. Fic-cirkostanzi l-esponenti perit tekniku jidhirlu li dak li ppresenta l-attur ghandu jigi accettat u ghalhekk il-bilanc mistenni mill-attur ta' Lm1077.00, li iktar korrettament kellu jkun ta' Lm1072.20 wara li jitnaqqsu l-pagamenti li saru ammontanti ghas-somma ta' Lm800.00 huwa ta' Lm272.20 li ghandu jithallas mis-socjeta` konvenuta".
-
Il-Qorti, wara li ezaminat il-provi mressqa u r-relazzjoni peritali, ma ssib l-ebda raguni biex tvarja l-konkluzjonijiet peritali. Ghalhekk minn dan kollu jirrizulta li l-ammont dovut mis-socjeta` konvenuta lill-attur huwa ta' Lm1069.55 + Lm272.19 = **Lm1341.74**.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine u tilqa' t-talba attrici billi tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lill-attur is-somma ridotta

ta' Lm1341.74 bl-imghax kif mitlub u bl-ispejjez li jithallsu mill-konvenut nomine.

**ONOR. IMHALLEF**
**DOTTOR DAVID SCICLUNA** **D/REGISTRATUR**